*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 30*

***27 ta' Settembru 2017***

## *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

## *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *30.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

30.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri tal-apoloġiji.

## *30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

30.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

30.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lil-Membri tal-Kunsill li nhar l-Erbgħa 11 t'Ottubru ser ikun hemm programm fuq NET Tv li ser ikun iffukkat fuq il-lokalita' tal-Marsa. Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna sabiex jipparteċipaw f'dan il-programm.

## *30.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

30.4.1 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer staqsa dwar x'ġara mill-filmati li għandhu l-Kunsill ta' persuni li qed jarmu l-borża s-sewda barra filgħaxija fi Triq is-Salib tal-Marsa u li dawn ingħataw lill-Cleansing Directorate. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Cleansing Directorate flimkien mall-Pulizija trid taqbad il-persuni fil-fatt sabiex dawn jiġu mħarrka. Il-Kunsill qiegħed jistenna stima mill-Cleansing ta' kemm ser jiġi jiswa biex uffiċjal tal-direttorat u Puliżija jkunu għassa fiż-żona.

30.4.2 Il-Kunsilier is-Sur Domenic Spencer irrimarka li matul dawn l-aħħar ġranet kien hemm diversi laqgħat importanti fuq il-lokal tal-Marsa. Madanakollu, b'disjaċir jinnota li matul dawn il-laqgħat kien is-Sindku jew il-Viċi Sindku biss li kienu mistiedna, qisu l-bqija tal-Kunsilliera ma jeżistux. Huwa saħaq li fil-futur huwa importanti li kull kunsillier ikun mistieden għall-laqgħat bħal dawn. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel ma dak li qal il-Kunsillier Spencer, madanakollu, din id-deċiżjoni ma kienetx f'idejħ u kemm il-darba irrimarka ma dawk li stiednuħ sabiex fil-futur il-Kunsill kollhu inkun mistieden.

Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit daħal għas-seduta fis-6.00pm.

## *30.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *30.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

30.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Konslu Onorarju tal-Afrika t'Isfel is-Sur Ivan Mifsud, li għandhom l-uffiċju tagħhom f'Moll il-Braken, qed jitlob sabiex quddiem il-binja tagħhom ikollhu 'no parking' kif ukoll permess sabiex iqiegħdu żewġ siġar tal-palm biex isebħu l-post. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-vot favur kien unanimu.

30.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li Transport Malta nfurmat il-Kunsill li Triq ġdida fi Triq ix-Xwieni ser tingħata t-tarmak.

30.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onorevoli Silvio Parnis flimkien ma mart il-Prim Ministru, s-Sinjura Michelle Muscat, ser jiġu fil-lokalita' tal-Marsa nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru fis-sebgħa ta' filgħaxija, hekk kif il-Kunsill tal-Marsa ser ikun qed jieħu sehem fil-Pink October Campaign bħala għarfien għall-marda tal-kanċer tas-sider. Il-Kunsill tal-Marsa ser jipparteċipa billi jinxtegħel il-bini tal-Kunsill kulur roża.

## *30.7 Tiswija ta' parti mill-Bankina ta' Triq il-Marsa*

30.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Membri tal-Kunsill dwar xogħol li hemm bżonn isir fuq parti mill-bankina ta' Triq il-Marsa minħabba l-hsara li din għandha. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *30.8 Tiswija ta' parti mill-Bankina ta' Triq Isouard*

30.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm bżonn li ssir tiswija fuq ħsara li saret fuq parti mill-bankina ta' Triq Isouard. Apparti min hekk hemm bżonn li jissewwew iċ-ċnut ta' Triq Azzopardi qabel ma tidħol għal Ġnien Belvedere, dawk ta' Triq il-Jum u ta' Triq San Tumas. Hemm bżonn li ssir tiswija ta' parti mill-bankina ta' Triq id-Dawl u Triq l-Għabex. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekond. Il-vot favur kien unanimu.

## *30.9 Ħruġ ta' Tender – Cleaning of Racecourse Area*

30.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinġabru is-sejħiet għall-offerti permezz ta' ħruġ ta' tender għall-ġbir ta' ħmieġ taż-żwiemel ta' ħdejn il-korsa kif inhu stabbilt skond il-liġi tal-e-Tendering. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *30.10 Proposti għal Servizz ta' Sigurta' mill-privat*

30.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill kien qed jagħmel stħarriġ dwar is-servizzi ta' sigurta' li joffri l-privat bil-għan li jsiru rondi f'żoni fejn qiegħed ikun hemm problemi relatati ma droga u siringi, xorb u prostituzzjoni, kif ukoll rimi ta' skart domenstiku. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Francis Debono qassam il-prosposti li rċieva l-Kunsill, madanakollu, kien hemm Kunsilliera li xtaqu li l-Kunsill jikkjarifika dak li l-Kunsill qiegħed jitlob. B'hekk ġie miftiehem li dawn l-proposti ser jiġu diskussi f'aktar dettal f'seduta oħra.

## *30.11 Playing field ġdid minflok il-ground iż-żgħir*

30.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li hemm bżonn ta' refurbishment fil-ground iż-żgħir sabiex ikun playing field ta' kwalita' tajba, u li tkun aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'. Biex din issir hemm bżonn li jkun hemm maintenance agreement, kif ukoll sigurta' fiż-żona. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda, filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *30.12 Proposti għal ġieħ il-Marsa*

30.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill Lokali rċieva total ta' sitt nominazzjonijiet għan-nomina ta' Ġieħ il-Marsa; dawn kienu s-Sur Godwin Vella tal-Paroċċa ta' Marija Reġina, s-Sur George Attard mill-Marsa Football Club, is-Sur Mario Bonnici tal-Pageant Group Marija Regina, s-Sur Tonio Borg tal-Għaqda Mużikali Trinita' Qaddisa, l-Kavallier Charles Attard mill-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' u s-Sur Emmanuel Sciberras mill-Scouts Association of Malta. Il-Kunsill qabel li dan il-ġieħ ser jingħata lill-persuni kollha li ġew innominati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *30.13 Publikazzjoni tal-Kunsill kull erba' xhur*

30.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar jekk il-Kunsill għandux jibda jerġa joħroġ pubblikazzjoni b'tagħrif aġġornat ta' dak li jsir fil-lokalita' mil-Kunsill. Hawnhekk kien hemm qbil dwar il-bżonn li terġa tibda toħroġ pubblikazzjoni, madanakollu ma kienx hemm qbil dwar kemm din il-pubblikazzjoni għandha tiġi ppublikata, jekk hux kull xahar jew kull erbgħa xhur. Il-Kunsill ikkonkluda li għandha tinħareġ

kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jevalwa l-vjabbilita’ ta’ din il-pubblikazzjoni. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda, filwaqt li ll-vot favur kien unanimu.

## *30.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

30.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.40pm u ġiet aġġornata għall-25 t’Ottubru 2017 fil-5.45pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel. Wara il-laqgħa tal-Kunsill ser ikun hemm Laqgħa Pubblika li hija skedata li tibda fis-7.00pm.

IFFIRMATA

Francis Debono
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 25 t’ Ottubru 2017